MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 554/1991/1

**Avukat Dottor Robert Staines bħala rappreżentant tas-soċjetà *Formosa & Camilleri Ltd*, u dina bħala aġenti f'Malta tas-soċjetà assikuratriċi estera *The Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c.* kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata tagħha s-soċjetà *Industrial Motors Limited*; u b'nota tal-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Joseph Zammit Mckeon assuma l-atti f'isem is-soċjetà *Atlas Insurance Agency Limited nomine* minflok l-Avukat Robert Staines; u b'nota oħra ta' l-14 ta' Mejju 2004 is-soċjetà *Atlas Insurance Limited* assumiet l-atti f'isimha minflok l-Avukat Joseph Zammit McKeon *nominee***

***Versus***

**Joseph Sullivan u John E. Sullivan bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Sullivan Shipping Agencies Limited* aġenti ta' *Markantonakis Lines* armaturi tal-vapur *Marc Trader*; u Godwin**

**Abela bħala rappreżentant tas-soċjetà *The Cargo Handling Co. Ltd***

Din il-kawża hija dwar ħsara fuq vetturi li waslu Malta bil-baħar.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà *Industrial Motors Limited* importat mill-Ġappun erbgħa u ħamsin (54) karrozza tal-marka *Nissan*, li waslu Malta fuq il-vapur *Marc Trader*. Meta l-vetturi nħattu f'idejn il-kumpannija kuntrattriċi tal-port u mingħandha ngħataw lill-importatur, instab ili ħafna minnhom kellhom aċċessorji neqsin u ħsarat.

Kif kien marbut li jagħmel, l-assikuratur għamel tajjeb għal dan in-nuqqas billi ħallas seba' mija u tletin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm730.34) u mitejn u sebgħin lira (Lm270) oħra bħala *survey fees*, u għalhekk ġie surrogat fid-drittijiet ta' l-importatur.

Billi huwa tal-fehma illi l-konvenuti, jew xi waħda minnhom, jaħtu għal dan in-nuqqas, l-assikuratur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenuti jaħtu għall-ħsara u n-nuqqasijiet fuq imsemmija, tikkundannahom iħallsu seba' mija u tletin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm730.34) u mitejn u sebgħin lira (Lm270) oħra bħala danni kif imfisser fuq, flimkien ma' l-imgħaxijiet minn dakinhar li l-assikuratur ħallas u ġie surrogat, u l-ispejjeż.

Is-soċjetà konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* ["it-tieni konvenuta"] ressqet l-eċċezzjoni illi t-talbiet safejn magħmula kontra tagħha għandhom jiġu miċħuda għax mill-*gate pass-out* jidher illi l-vetturi nħarġu minn taħt idejha bla ebda rimarka ħlief "*received the goods in good order and condition*".

Waqt is-smigħ tal-kawża it-tieni konvenuta kompliet ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hi ma tweġibx għall-ħsarat u n-nuqqasijiet għax, skond ir-reg. 70 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet ta' l-1966, kif emendati bl-Avviż Legali nru 28 ta' l-1973, id-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tiegħu jistgħu joħorġu riċevuta għall-kwantità biss ta' "*unit loads*" – li jinkludu vetturi – li jitniżżlu minn fuq bastiment;
2. l-art. 6(3)(*a*)(v) u (vi) ta' l-Ordinanza tal-Portijiet ta' l-1962 u r-reg. 90 u l-iskeda 13 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 igħidu illi l-vetturi fil-beraħ ikunu "*at the sole risk of*

*the owner*", u għalhekk l-eċċipjenti ma tweġibx għall-ħsarat u n-nuqqasijiet;
3. l-imgħaxijiet igħaddu biss mid-data tas-sentenza ladarba qiegħda tintalab il-likwidazzjoni tad-danni; u
4. dwar is-*survey fees*, "ċertament ma jistax jingħad lil-kwistjoni tas-*survey fees* hija waħda ta' formaliżmu esaġerat u dan aktar u aktar f'kawża ta' risarċiment ta' dannu u dwar surroga" (*sic*).

Is-soċjetà konvenuta l-oħra ["l-ewwel konvenuta"] ma ressqitx eċċezzjonijiet.

B'dikriet tal-5 ta' Settembru 1991 kienn inħatar perit legali; dan inbidel kemm-il darba sakemm eventwalment inħalfet relazzjoni fl-10 ta' Ġunju 2004.

Il-fatti seħħew hekk:

Fit-18 ta' Mejju 1990 waslu Malta fuq il-bastiment *Marc Trader* erbgħa u ħamsin (54) vettura tal-marka *Nissan*. Il-vetturi kienu tgħabbew bla ħsara, kif tixhed il-polza tal-kariku[1]. Meta l-vetturi tniżżlu minn fuq il-bastiment u ngħataw lilt-tieni konvenuta, sar *tally* mir-rappreżentanti taż-żewġ konvenuti u fuq it-*tally sheets*[2] sar notament illi vettura minnhom kellha mera miksura.

Meta, fl-24 ta' Mejju 1990, rappreżentanti ta' l-importatur u ta' l-assikuratur marru biex jieħdu l-vetturi, sabu illi kien hemm ħafna ħsarat u nuqqasijiet, li ġew imniżżla f'*survey report* li sar fis-26 ta' Lulju 1990[3].

Minkejja illi r-rappreżentanti ta' l-importatur u ta' l-assikuratur għarrfu lit-tieni konvenuta b'dawn in-nuqqasijiet u ħsarat, ir-rappreżentanti ta' din ma ridux illi jsir notament fuq il-*gate pass-out* u ma ħallewx illi jinħarġu l-vetturi jekk mhux bis-saħħa ta' *gate pass-out*[4] nadif. Il-*gate pass-out* fil-fatt sar kif riedet it-tieni konvenuta, iżda qabel ma l-importatur ħa l-vetturi f'idejh sar rapport lill-pulizija[5] mnejn jidher illi tassew illi kien hemm il-ħsarat u n-nuqqasijiet imsemmija fis-*survey*.

1 *Fol.* 6.

2 *Foll.* 126 *et seq.*

3 *Foll.* 7 *et seq.*

4 *Foll.* 20 *et seqq.*

5 *Foll.* 129 *et seq.*

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-*gate pass-out* ma għandu ebda valur probatorju fejn igħid illi l-vetturi nħarġu minn idejn it-tieni konvenuta bla ħsarat u bla nuqqasijiet, għax dawn il-ħsarat u nuqqasijiet jirriżultaw ampjament minn provi oħra li tista' toqgħod fuqhom.

L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda, għax il-provi juru illi meta t-tieni konvenuta ħadet il-vetturi f'idejha kien hemm biss ħsara f'mera waħda, iżda l-ħsarat u n-nuqqasijiet kibru sew fiż-żmien li l-vetturi damu f'idejha. Għalhekk, fil-waqt illi l-ewwel konvenuta għandha twieġeb għall-ħsara fil-mera, li kienet tiswa wieħed u tletin lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm31.47), t-tieni konvenuta għandha twieġeb għall-ħsarat u għan-nuqqasijiet l-oħrajn kollha għax ma wettqitx l-obbligazzjoni tagħha li tħares sew il-vetturi fdati f'idejha.

L-eċċezzjonijiet l-oħra tat-tieni konvenuta wkoll għandhom jiġu miċħuda, għal dawn ir-raġunijiet:

1. l-eċċezzjoni mibnija fuq ir-reg. 70 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet hija ħażina għax dak ir-regolament igħid biss kif għandhom jinħarġu r-riċevuti iżda ma jgħid xejn dwar ħelsien minn responsabbiltà;
2. l-eċċezzjoni mibnija fuq l-art. 6(3)(*a*)(v) u (vi) ta' l-Ordinanza tal-Portijiet ta' l-1962 u r-reg. 90 u l-iskeda 13 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 ukoll hija ħażina għax dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi jirregolaw biss ir-relazzjoni bejn l-importatur u d-Direttur tal-Portijiet, u mhux ukoll dawk bejn l-importatur u t-tieni konvenuta, u wkoll għax ma jeħilsux mir-responsabbiltà lil min ma jkunx wettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu;
3. l-eċċezzjoni dwar imgħaxijiet, safejn tgħid illi dawn igħaddu biss minn dakinhar tas-sentenza, ukoll hija ħażina għax *lite contestata usuræ currunt*, u għalhekk l-imgħaxijiet igħaddu minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju;
4. l-eċċezzjoni dwar is-*survey fees* (jekk tassew din qiegħda tgħid illi dawn ma għandhomx jitħallsu) ukoll hija ħażina għax il-ħtieġa għas-*survey* qamet bi ħtija tat-tieni konvenuta, li ma ħarsitx sew il-vetturi fdati f'idejha u għalhekk saret il-ħsara.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha, tgħid illi l-ewwel konvenuta taħti għal ħsara ta' wieħed u tletin lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu

(Lm31.47) u t-tieni konvenuta taħti għall-bqija tad-danni. Għalhekk tikkundanna lill-ewwel konvenuta tħallas wieħed u tletin lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm31.47), flimkien ma' l-imgħaxijiet minn dakinhar li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, u tikkundanna lit-tieni konvenuta tħallas disa' mija u tmienja u sittin lira u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm968.87), flimkien ma' l-imgħaxijiet minn dakinhar li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni.
L-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem wieħed minn tletin ($^{1}/30$) tħallsu l-ewwel konvenuta, u disgħa u għoxrin sehem minn tletin ($^{29}/30$) tħallashom it-tieni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------